
Il-wegħda
tiegħi.
Elezzjoni għal
Kap tal-Partit Nazzjonalista
Bernard
Grech

Ningħaqdu,
niġġeddu
**u nirnexxu.**



Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa, jgħid il-Malti. Jien hekk nemmen ukoll u b'dak l-għan f'moħħi ser inkun qed immexxi lill-Partit Nazzjonalista.

Jekk ningħaqdu niksbu r-rispett tal-poplu u nirbħu. Għalija, l-għaqda tfisser fiduċja. Li nagħrfu nafdaw lil xulxin anke meta nħabbtu l-ideat u l-opinjonijiet fuq x'inhu l-aħjar għall-pajjiż u l-Partit. Li nfittxu dak li jgħaqqadna, mhux dak li jifridna. Li nitkellmu b'rispett, anke meta ma naqblux.

**L-organizzazzjoni hi l-għodda essenzjali biex naħdmu u nikkonvinċu lin-nies.**

Jien nixtieq inġedded u norganizza lill-Partit f'kull livell – kumitati, każini, fergħat, media u l-organi kollha tiegħu – fejn kulħadd ikun jista' jagħti l-aqwa kontribut tiegħu. Ser niġġeddu għax ikun hemm spazju għal kulħadd, f'tim wieħed biex flimkien infasslu politika ġdida. **Niġġeddu wkoll għax nippreżentaw kandidati li bihom ngħaqqdu l-esperjenza u l-ħeġġa ġdida b'taħriġ siewi.**

Kull meta l-poplu Malti u Għawdxi ta fiduċja lill-Partit Nazzjonalista biex imexxih, Malta rebħet. Rebħet meta ġibna l-Indipendenza, rebħet meta mmodernizzajna l-pajjiż wara l-1987, rebħet meta dħalna fl-Unjoni Ewropea, rebħet meta ssieħbet fiż-Żona Ewro. Għalhekk irridu nerġgħu nirbħu l-fiduċja tal-poplu Malti u Għawdxi.

Biex jirbaħ il-Partit Nazzjonalista.

**Biex tirbaħ Malta.**

Bernard

## Partit Magħqud:
## l-ewwel u qabel kollox

Il-Partit għandu bżonn jingħaqad bħala l-ewwel biċċa xogħol ta' tmexxija ġdida. Biex jagħmel dan, il-Partit għandu bżonn tmexxija li taħdem biex tkompli tirbaħ il-fiduċja mhux biss tal-membri kollha tal-Partit imma ta' firxa usa' ta' nies.

**Inwiegħdek li jekk inti tagħżel lili biex immexxi lill-Partit Nazzjonalista, jiena ser nimpenja ruħi li naħdem bla waqfien biex ngħaqqad lill-Partit. Ser naħdem b'mod li nkompli nirbaħ u nżid il-fiduċja tan-nies, jiena la nassumi u lanqas nimponi l-fiduċja. L-għaqda li rrid fostna trid tkun xempju tal-għaqda li rridu naraw fostna l-Maltin u l-Għawdxin.**

## Kap li tista' tafdah

Jiena nemmen li l-Partit Nazzjonalista jista' biss jingħaqad wara Kap li tista' tafdah. Kap b'valuri li jmexxi bi prinċipji. Kap li jiddjaloga, li jisma' u li jiddeċiedi. Kap inklussiv li jaħdem b'lealtà.

**Jiena għalhekk inwiegħdek li nkun Kap li nisma' u li niddeċiedi. Inkun Kap li tista' tafda.**

## Partit fejn hemm
## spazju għal kulħadd

L-għaqda fi kwalunkwe organizzazzjoni tinbena fuq il-fatt li kulħadd iħoss li għandu sehem x'jagħti u li dan is-sehem ikun siewi u apprezzat.

**Jiena nikkommetti ruħi li mhux biss nara li kull deputat u uffiċjal tal-Partit jingħata l-ispazju kollu sabiex jaħdem, imma wkoll li jiġu inklużi nies ġodda fil-ħidma tal-Partit Nazzjonalista. Barra minn hekk, jiena ser nikkommetti ruħi li npoġġi bilqiegħda u niddjaloga ma' dawk li ma għażlux lili, sabiex b'rieda tajba bejnietna, insibu dak li jgħaqqadna.**

Irridu wkoll nagħtu aktar spazju lin-nisa sabiex jinvolvu ruħhom fil-Partit Nazzjonalista u nagħmlu dak kollu possibbli sabiex dan jiġi ffaċilitat. Jien ser nassigura aġenda ta' ħidma li tara

aktar nisa f'kull livell u f'kull ħidma tal-Partit, inkluż fit-tmexxija.

**Nemmen li n-nisa jridu jkunu protagonisti fit-tmexxija politika, ekonomika, soċjali u kulturali tal-pajjiż.**

## Mużajk ta' ideali u ħsibijiet

Partit politiku fejn kulħadd jaħsibha l-istess ikun partit totalitarju, stampa b'kulur wieħed bla sfumaturi. Jiena nemmen f'Partit Nazzjonalista li jkun dar kbira b'ħafna spazju għal min irid jara lil Malta nazzjon wieħed u sħiħ li jimxi 'l quddiem flimkien. It-tesserati jridu Partit li jħaddan id-diversità, id-differenzi, l-abbiltajiet kollha fejn kulħadd iħossu komdu u ndaqs.

**Jiena nagħtik garanzija li minn dawn l-ilwien u opinjonijiet differenti tista' toħroġ qawsalla sabiħa li tgħaqqadna u tmexxina 'l quddiem bħala Partit u pajjiż.**

## Partit Kredibbli

Il-Partit ikun kredibbli meta jifhem x'inhuma l-weġgħat tan-nies u l-problemi tagħhom, u kif bil-valuri ġenwini li jsawruna, il-Partit Nazzjonalista jista' joffri soluzzjonijiet prattiċi għall-problemi individwali u l-aspirazzjonijiet personali tan-nies. Għalhekk irrid nifhem x'inhuma l-problemi veri tan-nies.

**Inwiegħdek li niltaqa' miegħek u ma' kull min hu interessat, biex nisma' u nifhem dak li tixtieq li jkun il-Partit Nazzjonalista. Naslu li jkollna Partit kredibbli, fdat u li jitwemmen, għax jisma', jiddiskuti, u jagħraf x'inhuma l-problemi u l-weġgħat tan-nies, isib is-soluzzjoni, jaqdi l-bżonnijiet tagħhom u jikseb il-fiduċja tal-poplu.**

## Partit fejn niddeċiedu flimkien

Il-Partit Nazzjonalista jrid jagħmel użu aħjar tal-istrutturi li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, sabiex ikun hemm aktar ħsieb u djalogu internament.

**Jiena nwiegħdek li nara li l-istatut tal-Partit u l-istrutturi kollha tiegħu jaħdmu sewwa u b'laqgħat regolari ħalli jorqmu l-politika u d-deċiżjonijiet tagħna b'mod relevanti għas-soċjetà tal-lum.**

**Għalhekk nagħti importanza kbira lill-AŻAD li trid tkun l-iskola tal-ħsieb, tal-formazzjoni u tat-taħriġ għan-nies kollha tal-Partit.**

## Partit żagħżugħ u mħarreġ

Sabiex ikun relevanti, il-Partit Nazzjonalista jrid jagħti spazju liż-żgħażagħ u jafda fihom li jmexxu l-Partit Nazzjonalista 'l quddiem. Kull membru attiv fil-Partit irid jibqa' jiġi mħarreġ sabiex il-ħidma tagħna lkoll tkun siewja u relevanti, u hawn fejn għandu rwol importanti wkoll l-AŻAD.

**Nassigurak li ser nagħmel ħilti sabiex inressaq lejn il-Partit Nazzjonalista ferm aktar żgħażagħ kapaċi u mħeġġin fl-istrutturi kollha tiegħu, inkluż bħala kandidati li lesti jikkontestaw elezzjonijiet f'kull livell.**

Kemm il-kandidati ġodda kif ukoll dawk stabbiliti u l-uffiċjali tal-Partit iridu jsibu kull għajnuna u taħriġ biex jaslu.

## Partit modern: organizzat, effiċjenti u effettiv

Il-Partit Nazzjonalista jrid ikun organizzat u lest biex jaffaċċja kull sfida elettorali, bi strutturi li jaħdmu tajjeb, b'mod effiċjenti u effettiv.

**Għal dan il-għan, nikkommetti ruħi li naħdem sabiex inkomplu ninvestu fir-riżorsi kollha tal-Partit, inkluż l-impjegati u l-voluntiera tiegħu. Nifhem li sabiex dan iseħħ, il-Partit Nazzjonalista jrid ikompli jiġġenera sorsi ġodda ta' finanzjament u għal dan il-għan naħtar tim tekniku ta' professjonisti li jkomplu jibnu fuq it-tajjeb li sar sabiex l-assi kollha tal-Partit jiġu utilizzati u mmassimizzati bl-aħjar mod sabiex flok piż fuq il-Partit, ikunu sorsi ġodda ta' finanzjament.**

Ningħaqdu,
niġġeddu
**u nirnexxu.**

Nikkommetti ruħi li l-preżenza tagħna fil-lokalitajiet tiżdied permezz tal-Kumitati Sezzjonali. Jiena nemmen b'qawwa fl-irwol tal-każini tagħna fil-lokalitajiet, però dawn huma biss il-bidu tal-preżenza tagħna li trid tkun ħafna aktar minn binja.

**Nikkommetti ruħi li minn tal-inqas darba fis-sena niltaqa' mal-Kumitati Sezzjonali kollha tagħna, u darba kull sentejn insejjaħ Kungress Distrettwali f'kull distrett, ħalli kulħadd ikollu l-ispazju sabiex iwassal lill-Kap tal-Partit ix-xewqat tiegħu.**

## Partit li jisma' ħafna aktar: komunikazzjoni moderna

Jekk hemm qasam li rridu naħdmu bil-kbir fuqu hu l-komunikazzjoni b'mezzi tradizzjonali u oħrajn ġodda, li tkun mezz ta' djalogu veru u mhux propaganda.

**Filwaqt illi nżommu u nsaħħu l-media tradizzjonali tal-Partit – Net TV, Net FM, il-gazzetti Il-Mument u In-Nazzjon, li huma għodda importanti sabiex il-messaġġ tal-Partit jasal għand firxa wiesgħa tal-elettorat tagħna, irridu wkoll ninvestu fil-media tal-futur li huwa online. Il-media tagħna trid tkun content driven u tadatta ruħha, jekk hemm bżonn radikalment, mal-media moderna u l-media soċjali kollha.**

## Partit Rebbieħ

Jiena konvint li l-Partit Nazzjonalista jista' jerġa' jsir Partit mill-ġdid rebbieħ. Għalhekk qiegħed noffri lili nnifsi sabiex inkun il-Kap li jgħaqqad u li jġedded lil dan il-Partit.

Jekk tafdaw lili bit-tmexxija tal-Partit Nazzjonalista, l-ewwel rebħa li niksbu flimkien tkun l-għaqda tal-Partit. It-tieni rebħa tkun li nġeddu lill-Partit u noffru viżjoni u programm b'saħħtu u kredibbli lill-poplu Malti u Għawdxi.

**It-tielet rebħa ser tkun li l-Partit Nazzjonalista jerġa' jkun moviment modern u progressiv li jġib is-saħħa tiegħu mid-diversità u l-inklussività għall-interess tal-poplu, għad-difiża u s-sigurtà tiegħu, u għall-ġid komuni.**

bernardgrech.mt